**PRESS RELEASE**

Jobsplus marks another milestone in youth development with the ALMAlta pilot project closing

---

The ALMAlta project, aimed at supporting young people not in employment, education, or training (NEETs), is officially closing, marking another important milestone for Jobsplus. Piloted under the EU's ALMA initiative—Aim, Learn, Master, Achieve—the project provided tailored support to disadvantaged youth facing barriers to employment or training.

Launched in October 2023, ALMAlta empowered vulnerable young people (18-29 years) with tools for personal and professional growth. Many participants had faced long-term unemployment, insufficient qualifications, disabilities, or migration-related challenges, hindering their employment prospects. The programme addressed these gaps through intensive preparatory training in Malta, focusing on soft skills, independence, and personal development. This was followed by a two-month mobility experience in Italy and Spain, where participants gained structured, work-related exposure. Through hands-on learning, cultural immersion, and mentorship, they developed resilience, adaptability, and confidence.

For participants, ALMAlta was more than just a programme—it was a transformative journey. One participant, who took part in a mobility experience in Brescia, mentioned how the programme empowered them to become more independent and sociable, recommending it to others unsure about their future. Another reflected on how it helped them grow professionally and boosted their confidence, while a third highlighted how the diverse cultural experience expanded their view on people and life.

Analysing the outcomes of the 38 young people who completed the programme, notable achievements emerge; two participants were offered employment with their employer in another EU country, eighteen found full-time jobs in Malta, three enrolled in tertiary education, four pursued further training, and the remaining participants registered with Jobsplus for continued support. The depth of personal transformation and skill-building achieved by each highlights the programme's success.

Building on this, the initiative will be integrated in the new Youth Guarantee scheme, ensuring continued support for Maltese youth. With a budget of €780,000, Jobsplus will support at least 100 more participants, with 40 individuals set to take part in a similar mobility experience to further enhance their employability and life skills.

Jobsplus remains committed to fostering personal and professional growth among Maltese youth, particularly those furthest from employment. By equipping them with essential skills and experiences, ALMAlta keeps strengthening our efforts to enhance youth participation in the workforce, ensuring a more resilient and inclusive labour market.

*ALMAlta project is co-funded by the European Union through the European Social Fund Plus and the Social Innovation Plus Initiative.*

Co-funded by the European Union

Social Innovation + Initiative

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

Jobsplus tilħaq tragward ieħor fl-iżvilupp taż-żgħażagħ
hekk kif tagħlaq il-proġett pilota ALMAlta

---

Il-proġett ALMAlta, li għandu l-għan li jgħin żgħażagħ li mhuma involuti fl-ebda tip ta' impjieg, edukazzjoni jew taħriġ, qed jagħlaq uffiċjalment, u b'hekk jimmarka pass importanti ieħor għal Jobsplus. Imniedi taħt l-inizjattiva Ewropea *ALMA—Aim, Learn, Master, Achieve*—il-proġett offra appoġġ imfassal apposta għaż-żgħażagħ l-aktar żvantaġġati, li jaffaċċjaw diversi ostakli għall-impjieg jew għat-taħriġ.

Imniedi f'Ottubru 2023, ALMAlta offra sostenn liż-żgħażagħ vulnerabbli (18-29 sena) billi pprovdilhom għodod għat-tkabbir personali u professjonali tagħhom. Ħafna mill-parteċipanti kienu qed jaffaċċjaw qgħad fit-tul, kwalifiki insuffiċjenti, diżabilitajiet jew sfidi relatati mal-migrazzjoni, li fixklu l-prospetti ta' impjieg tagħhom. Il-programm indirizza dawn l-isfidi permezz ta' taħriġ preparatorju intensiv f'Malta, li ffoka fuq 'soft skills', indipendenza, u żvilupp personali. Dan kien segwit minn fażi ta' mobbilta' għal perjodu ta' xahrejn fl-Italja u Spanja, fejn il-parteċipanti kisbu esperjenza strutturata ta' xogħol. Permezz ta' tagħlim prattiku, immersjonijiet kulturali u gwida professjonali, huma żviluppaw reżiljenza, adattament għal ambjenti differenti u bnew il-kunfidenza tagħhom.

Għall-parteċipanti, ALMAlta ma kienx biss programm, iżda vjaġġ transformattiv. Parteċipant minnhom, li kellu esperjenza fi Brescia, semma kif din l-esperjenza għenitu jsir aktar indipendenti u soċjevoli, u jirrakkomanda l-inizjattiva lil dawk li huma inċerti dwar il-futur tagħhom. Parteċipant ieħor, irrifletta dwar kif kiber professjonalment u żied is-sens ta' fiduċja fih innifsu. Persuna oħra enfasizzat kif l-esperjenza ta' kulturi differenti wessgħet il-perspettiva tagħha dwar in-nies u l-ħajja.

L-analizi tar-riżultati ta' 38 żagħżugħ li lestew il-programm turi kisbiet notevoli; żewġ parteċipanti ġew offruti impjieg f'pajjiż ieħor tal-UE, tmintax sabu impjieg fuq bażi 'full-time' f'Malta, tlieta daħlu fl-edukazzjoni terzjarja, erbgħa segwew taħriġ ulterjuri, u l-kumplament irreġistraw ma' Jobsplus għal aktar appoġġ. It-trasformazzjoni personali u l-ħiliet miksuba minn kull parteċipant jenfasizzaw is-suċċess tal-programm.

Biex nibnu fuq dan, l-inizjattiva se tkun integrata fl-iskema l-ġdida *Garanzija għaż-Żgħażagħ*, li tiżgura appoġġ kontinwu għaż-żgħażagħ Maltin. B'baġit ta' €780,000, Jobsplus se tilqa' mill-inqas 100 parteċipant ieħor, inkluż 40 individwu li se jieħdu sehem f'esperjenza simili ta' mobbilta' biex ikomplu jtejbu l-ħiliet tagħhom fl-impjieg u fil-ħajja.

Jobsplus tibqa' impenjata li trawwem dan it-tkabbir personali u professjonali fost iż-żgħażagħ Maltin, b' mod partikolari dawk l-aktar imbiegħda mill-impjieg. Billi tipprovdilhom ħiliet u esperjenzi essenzjali, ALMAlta tkompli tikkontribwixxi lejn iż-żieda fil-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, filwaqt li tiżgura suq tax-xogħol aktar reżiljenti u inklużiv.

*Il-proġett ALMAlta huwa kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Inizjattiva Innovazzjoni Soċjali Plus.*

Co-funded by the European Union

Social Innovation Initiative